**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru: 8/2023 MLF**

**Car Sharing Services Malta Limited**

**vs**

**Brownen Galdes**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta attrici fejn talbet sabiex il-konvent jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' sebat elef tlett mija u tletin Euro (€7,330) rapprezentanti danni subiti mis-socjeta rikorrenti fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CSH 168 in segwitu ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fit-3 ta' Marzu 2020 fi Triq ix-Xewkija, Sannat Ghawdex u dana wara illi l-konvenut ghamel booking ghall-imsemmija vettura di propjeta tas-socjeta rikorrenti u liema vettura kienet fil-kustudja tal-konvenut in vista tal-imsemmi booking minnu maghmul u kkonfermat fil-hin tal-akkadut u liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservazzanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

   Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra uffiċjali datata 21 ta' Marzu 2022 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza ratione materiae mehtiega sabiex tiddeciedi l-materja in kwistjoni u dan peress illi tirrigwarda incident awtomobilistiku u ghalhekk skond l-Artikolu 1.2(b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju.

2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari wkoll il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma huwiex il-legittimu kontradittur.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari w minghajr ma jissottometti ruhu ghall-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti il-konvenut jeccepixxi wkoll in linea preliminari illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi in linea sussidjarja u dejjem minghajr ma jissottometti ghall-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, il-konvenut jishaq illi l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-esponent ma seta' qatt kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici ghandha ggib l-ahjar prova tad-danni allegati u tar-responsabilita tal-konvenut.

3. Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

4. Rat li fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2024, din il-Qorti irriteniet illi invista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae*, hija kienet tal-opinjoni li jkun opprotun li din l-eccezzjoni tigi deciza fl-ewwel lok, u tat lill-partijiet il-fakolta li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet limitatament fuq din l-ewwel eccezzjoni.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rigward din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae.*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Kif jirrizulta mill-atti promotorji, il-vertenza odjerna skaturiet minn kirja tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CSH 168 mis-socjeta attrici lill-konvenut. Skont is-socjeta attrici, il-konvenut saq din il-vettura b'mod traskurat, negligenti u naqas li josserva r-regolamenti, u konsegwenza ta' dan ikkaguna hsara fil-vettura f'incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Marzu 2020. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jirrizarciha d-danni subiti fil-vettura, proprjeta taghha.

7. Ghalkemm f'dawn il-proceduri ma nstemghux provi, mill-atti jirrizulta u hu pacifiku bejn il-partijiet, illi d-danni reklamati permezz tal-proceduri odjerni, ma humiex konsegwenza ta' kollizjoni bejn vetturi jew hsara kkagunata minn vettura fi propjeta` ohra, izda jiskaturaw minn danni allegatament ikkawzati minn sewwieq, fil-vettura stess minnu misjuqa. Ghalhekk, din il-Qorti trid tiddeciedi jekk danni subiti f'vettura u d-danni konsegwenzjali tal-istess, li ma humiex naxxenti minn kollizjoni ma' vettura ohra u l-anqas ma gew ikkawzati minn vettura ohra, jaqghux fil-parametri u kwindi l-kompetenza mandatorja tat-Tribunal tal-Arbitragg, ai termini tal-Att dwar l-Arbitragg, Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Ai termini tar-Raba' Skeda (Artikolu 15) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, huma soggetti ghal arbitraggi mandatorji *inter alia*:

*"1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur.*
*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*
*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*
*(b) hsara involontarja fil-proprjeta` li tinvolvi l-vetturi, ... ...*
*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

9. Id-divergenza bejn il-partijiet hija dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1.2(b) fuq citat. Il-konvenut issottometta li din id-disposizzjoni tinkludi kwalsiasi hsara relatata ma' vetturi,

hi x'inhi l-kawza, u f'dan ir-rigward strah fuq l-insenjament fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Ciscaldi nomine vs Nicholas Camilleri** deciza fid-19 t'April 2012 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1]. Min-naha l-ohra, is-socjeta attrici issottomettiet li dawn il-proceduri huma msejsa fuq relazzjoni kuntrattwali u li l-legislatur kien qed jikkontempla biss hsara kkawzata lill-propjeta' ta' terzi bl-uzu ta' vettura u in sostenn tal-argument tieghu, ghamel ampja riferenza ghal diversi sentenzi li pero kwazi kollha huma ibbazzati fuq l-insenjament fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. et vs Gevimida Limited**, deciza fit-23 ta' Ottubru 2009).

10. Dawn iz-zewg sentenzi huma konflingenti ghal xulxin. Fis-sentenza **Joseph Ciscaldi nomine vs Nicholas Camilleri**, il-Qorti tal-Appell tat interpretazzjoni wiesgha lill-Artikolu 1.2(b), fis-sens li kwalunkwe hsara li tirrizulta f'vettura, irrispettivament minn xi tkun il-kawza ta' tali hsara, u sakemm ma jkunx hemm danni fuq il-persuna u l-azzjoni ghall-hlas ta' danni li ma jeccedux is-somma ta' hdax il-elf sitt mija u erbgha u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€ 11,646.87), ghandha tigi proposta permezz ta' arbitragg. Min-naha l-ohra, fis-sentenza **Middlesea Insurance p.l.c. et vs Gevimida Limited** il-Qorti tal-Appell tat interpretazzjoni iktar ristrettiva lil dan l-Artikolu, u iddikjarat li l-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kawzali ma' incidenti ta' traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta' ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta' minn vettura jew vetturi ko-involuti f'dak l-istess incident stradali. Hemm diversi sentenzi ohra, uhud iccitati mill-partijiet fil-kawza odjerna, li segwew wahda jew l-ohra minn dawn iz-zewg sentenzi, pero din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li toqghod telenka dawn is-sentenzi kollha.

11. Din il-Qorti kif preseduta taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Middlesea Insurance p.l.c. vs Gevimida Limited**, u li l-interpretazzjoni korretta tad-disposizzjoni 1.2 (b) ghandha tkun fis-sens illi din tipprovdi biss ghal hsara fi propjeta' kkagunata minn vetturi. Likieku l-intenzjoni tal-legislatur kienet li jinkludi kwalsiasi hsara li tista' ssofri vettura, id-dicitura relattiva kienet tkun semplicement 'hsara involontarja f'vettura'. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, peress illi l-Artikolu 1.2(a) taghmel riferenza ghal kollizjoni bejn vetturi, permezz tal-Artikolu 1.2(b),

[1] *Per* Imhallef Raymond Pace.
[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

partikolarment bl-ghazla tal-kliem *"fil-propjeta` li tinvolvi vetturi"*, il-legislatur ried jiddistingwi il-kelma 'propjeta' mill-kelma 'vetturi', b'dan illi ried ikopri hsara kkagunata minn vetturi f'propjeta. Tali interpretazzjoni tohrog b'mod iktar car meta wiehed jara d-disposizzjoni relattiva fit-test Ingliz - *"any involuntary damage to property involving vehicles"*. Li kieku l-intenzjoni tal-legislatur kienet li jkopri kwalsiasi hsara relatata ma' vetturi, it-test logikament kien ikun *"any involuntary damage to vehicles"*.

12. Is-sottomissjoni tal-konvenut u l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 1.2(b) moghtija fis-sentenza **Joseph Ciscaldi nomine vs Nicholas Camilleri** ifissru illi kwalsiasi hsara involontarja, bl-iktar mod ampju, u hi x'inhi il-kawza, li tikkoncerna vettura, ghandha tkun soggetta ghal arbitragg mandatorju. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma huwiex il-kaz. L-interpretazzjoni logika u gusta ta' l-Artikolu 1.2(b) ma twassalx ghal din il-konkluzjoni, izda twassal ghall-konkluzjoni li din id-disposizzjoni tkopri biss danni kkawzati minn vetturi fi propjeta` ohra.

13. Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza **Elmo Insurance Limited vs Kunsill Lokali Gzira** deciza fis-27 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3] ukoll irriteniet illi is-sentenza **Middlesea Insurance p.l.c. vs Gevimida Limited** jidher li kienet wahda logika u ragunata. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell kompliet tghid hekk:

*"It-Titlu ta' regolament 1.2 ta' Skeda numru 4 hu **Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur** u mhux Tilwimiet dwar Vetturi bil-Mutur. Ghal din il-qorti minn dan it-titlu hu car li l-procedura ta' arbitragg mandatorju ma japplikax f'kull kaz ta' hsara involontarja fejn tkun involuta vettura. Li kieku l-legislatur kellu l-intenzjoni li din il-procedura tapplika ghal kull kaz bhal dak kien jipprovdi regolament generali, kif ghamel fil-kaz tal-tilwim li ghandu x'jaqsam mal-provista tal-elettriku u l-ilma u fejn ried jeskludi r-regolament qal espressament (regolament 1.3).*

*Din il-qorti ma taqbilx mal-mod kif gie interpretat regolament 1.2 fil-kawza deciza fid-19 ta' April 2012,[4] in kwantu jwassal ghal sitwazzjoni fejn tista' tghid li kull kwistjoni dwar hsara involontarja relatata ma' vetturi, tkun soggetta ghall-arbitragg mandatorju.*

[3] *Per* Imhallef Anthony Ellul.
[4] Is-sentenza **Joseph Ciscaldi nomine vs Nicholas Camilleri**.

*Dan irrispettivament jekk huwiex motor traffic dispute jew le. Din ma tidhirx li kienet l-intenzjoni tal-legislatur.*

*Il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li nghad fis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2009*[5]*:-*
*"Trattasi ta' procedimenti, ta' indoli koercittiva, l-istess ghandhom jircievu interpretazzjoni ristrettissima. Dan qed jigi rilevat in kwantu l-interpretazzjoni ta' ligi ghandha tkun dejjem konsona mar-raguni u, f'dan il-kaz, ma jidhrux li huma ragonevoli, proprju f'materja eccezzjonali u ta' imposizzjoni mandatorja, illi jigu ammessi estensjonijiet ta' kontroversji li l-legislatur ma kkontemplax".*

*Din il-qorti zzid li anke fejn hemm dubju, dan ghandu jmur kontra l-applikazzjoni tal-procedura tal-arbitragg mandatorju li wara kollox hi ta' natura straordinarja gialadarba l-arbitragg hu min-natura tieghu fakoltattiv u fil-principju jezigi l-kunsens tal-partijiet."* (enfasi ta' dik il-Qorti).

14. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti tikkonkludi li t-talba ta' sid il-vettura ghall-hlas tad-danni kkagunati fl-istess vettura bl-uzu allegatament abbuziv tal-utent tal-istess vettura, ma taqghax fil-parametri tar-rekwiziti ghal arbitragg mandatorju ai termini tar-Raba' Skeda tal-Att Dwar l-Arbitragg, u konsegwentement taqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti, li hija Qorti ordinarja.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae*;

    2. Konsegwentement tiddikjara li din il-Qorti hija kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba odjerna;

[5] Is-sentenza **Middlesea Insurance p.l.c. vs Gevimida Limited**.

3. In vista li l-kwistjoni deciza b'din is-sentenza preliminari m'huwiex wiehed pacifiku fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, l-ispejjez ta' din is-sentenza preliminari ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**